MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Numru 570/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Silvio Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imptutat Silvio Buttigieg iben John u Lourdes nee' Callejja, imwieled Pieta bin-numru ta' karta ta' identita' 244573(M), akkuzat nhar it-3 ta' Awissu 2000, wara nofsinhar, mill-Bajja ta' Golden Bay, f'Ghajn Tuffieha:

1. ikkommetta serq ta' baskett kontenenti telefon cellulari, libsa tan-nisa, pouch b'Lm20 u karta ta' DM 10 u xi dokumenti, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok

u dan ghad-dannu ta' Almut Elisabeth Klemke ta' nazjonalita' Germaniza;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe' il-baskett u l-affarjiet hawn fuq imsemmija, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, fejn kien gie misjub hati u kkundannat ghar-reati b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 1 ta' Gunju 1999, 11 ta' Dicembru 1997, 9 ta' Novembru 1995, 23 ta' Gunju 1994, 25 ta' Mejju 1994, 25 ta' Jannar 1994 u 11 ta' Jannar 1993, liema sentenzi saru definittivi;
4. talli kiser l-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li kien gie impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Dicembru 1997.

Rat il-proroga tat-terminu ghall-gheluq tal-kumpilazzjoni awtorizzata mill-Ecellenza Tieghu il-President ta' Malta tas-7 ta' Settembru 2000.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament presentat fit-2 ta' Ottubru 2000;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jipprospettaw is-serq aggravat bil-valur u bil-lok, ir-ricettazjoni, r-recidivita' u li kiser l-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap 152. Huwa pacifiku li l-akkuza ta' ricettazzjoni hija in alternattiva ghal dik tas-serq stante li huwa reat separat u distint b'daqstant li huma ghad-eskluzjoni ta' xulxin fis-sens illi pruvat is-serq taqa l-akkuza ta' ricettazzjoni u vice versa.

Issa l-fatti li jikkontradistingwu din il-kawza huma pprospettati fuq is-serq li hu allegat li sar fil-gurnata u lok imsemmija fl-akkuza u dan fil-waqt illi ittiehed basket ta' tfajla Germaniza li kienet qeghdha tghum fil-bajja ta' Ghajn Tuffieha. Skond ix-xhieda tad-derubata fil-gurnata in kwistjoni kienet fil-bajja imsemmija ma' zewg t'ihbieb taghha u fil-waqt li nizlet tghum halliet l-imsemmi basket fejn wahda minn dawn il-hbieb li f'xi hin raqdet u safa nieqes l-imsemmi basket. Issa huwa deducibbli mix-xhieda taghha li l-valur tal-oggetti misruqa ma jeccedux l-Lm 100.

Illi l-imputat innega li hu seraq l-baskett in kwistjoni u ghalhekk ir-reita' tieghu jew in-nuqqas taghha tistrieh fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li fuqha biss tinkombi l-oneru tal-prova.

Illi f'dan il-kuntest ghalkemm ix-xhieda huma skjetti il-qorti jidrilha li tista serenament tikkolega l-fatt tas-serq mal-imputat. In-ness jikkonsisti fil-fatt filli gie prodott mill-prosekuzzjoni xhud okkulari li ra lill-imputat jirkeb karozza izomm basket f'idu liema basket l-imputat fl-istqarrija tieghu stqarr li remih fuq istigazzjoni ta' siehbu wara li telqu minn fuq il-post. Hu rilevanti wkoll li jigi osservat li l-imputat fl-istess stqarrija tieghu u fuq domanda li saritlu kategorikament qal li hu ma kellu xejn hlief il-bermuda shorts li kien libes.

Illi kkonstatat dan il-prosekuzzjoni ghalkemm esebit numru ta' sentenzi ma ppruvatx sodisfacjentement l-akkuza rigwardanti r-recidiva billi ma tellat ebda wiehed mill-Ispetturi involuti f'dawk is-sentenzi biex jikkonfermhom u ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 il-prova hija addirittura inesistenti.

Illi pero' kif intqal fuq l-imputat ghandu jigi misjub hati tas-serq izda minghajr l-aggravji invokati.

Ghalhekk taqta u tiddecidi l-kawza billi tiddikjara l-imputat hati ta' serq semplici u wara li rat l-Artikolu 284 u 285 tikkundannah, wara li qieset il-fedina penali xejn edifikanti

tieghu u l-fatt li r-refurtiva qatt ma giet ritornata, ghall-sitt xhur prigunerija. Tilliberah mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------